Minuti tal-54 (erba u ħamsin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2011 fis-Sala tal-Komunita. Bdiet fil-5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv is-sur Joseph Xiberras

## 1. Talba

1.1 Il-laqħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Ezekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sindku qal li bħalma jafu l-kunsilliera s-sur Karl Vella is-segretarju tal-Kunsill informahom b'permezz ta' email nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru dan qabel ma kellu jibda tlett gimgħat *vacation leave* li ġie trasferit għal dipartiment ieħor b'effett mill-10 t' Ottubru 2011. Is-sindku qal li bħala Kunsill ma ġejna nfurmati min ħadd dwar dan ħlief li rċevejna ittra mis-sur Adrian Mifsud għad-direttur tal-Gvern Lokali li b'effett mil-10 ta' Ottubru 2011 ser jibda mall-kunsill is-sur Joseph Xiberras bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk il-kunsill qabel li jistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi kkjarifikata l-pożizzjoni tas-sur Karl Vella. Wara is-Sindku flimkien mal-kunsilliera taw merħba lis-sur Joseph Xiberras għall-ħatra tiegħu.

2.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Minuti tat-tlett laqgħat preċedenti li kellhom jiġu pprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Karl Vella kienu għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kunsill biex jiġu approvati. Hemm ukoll xogħol ieħor pendenti li għadu mhux lest. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għanda tintbgħat


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

email lid-dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinfurmah bis-sitwazzjoni.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 88/2011 - Promoting Sustainable partnership – Attivita' organizzata mill-MEUSAC għall-Kunsilli Lokali.
3.1.2 89/2011 - Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund.
3.1.3 90/2011 - Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2012.
3.1.4 91/2011 - Administration fee għal hlas ta'multi fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali
3.1.5 92/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28322.
3.1.6 93/2011 - Administration fee għal hlas ta'multi fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali
3.1.7 94/2011 – Tabella fid-daħla ta' kull playground tal-Kunsilli Lokali.
3.1.8 95/2011 - Mistoqsijiet Parlamentari Numri 28771 u 28773.
3.1.9 96/2011 – Mistoqsijiet Parlamentari Numri 28711 u 28727.
3.1.10 97/2011 - Tnedija ta' taħriġ Speċjalizzat għal Membri Eletti u ghas-Segretarji Ezekuttivi.
3.1.11 98/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28760.
3.1.12 99/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28762.
3.1.13 100/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28763.
3.1.14 101/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28767.
3.1.15 102/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 28764.
3.1.16 103/2011 -Building together sustainable localities – Konferenza organizzata b'kollaborazzjoni bejn il-MEUSAC u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
3.1.17 104/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 29066.
3.1.18 105/2011 - Konferenza – Building Together Sustainable Localities 27-28 ta' Novembru 2011.
3.1.19 106/2011 - Kuntratti fuq il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq.

### 3.2 Korrispondenza

3.2.1 MITA Xiri sussidjat tal-Microsoft Office Windows 7 għall-istudenti u għalliema.
3.2.2 MEPA Lista ta' applikazzjonijiet li ser jiġu diskussi fl-1 tal Novembru 2011.
3.2.3 MHEC tilqima tal-influwenza.
3.2.4 WasteServ- European week for Waste Reduction


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.5 Consultation Session in Gozo – Promoting the Sustainable use of Pesticides.

3.2.6 DLG – Cosaria Interess ta' din il-belt li taghmel ġemellaġġ ma' Kunsill Lokali Malti

3.2.7 MOC – Maltese olympic sports award.

3.2.8 Wise Owl Publications – Fund raising book fair.

3.2.9 AKL – Laqgħa ghall-Kunsillieri ta' malta u Għawdex 19/11/11.

3.2.10 DLG – Abbozz ta' Notifikazzjoni tal-Gvern dwar il-Pjan t'Azzjoni dwar il-bumunqar l-aħmar u backgrund note- proċess ta' konsultazzjoni.

3.2.11 DLG – Skema tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni – ICT for All.

3.2.12 MGOZ – Project Proposal – 2nd call Eco-gozo projects.

3.2.13 MCCAA – Fontana – Playground report.

3.2.14 MEPA – PC51/08 To establish zoning, building height and road alignement for Rationalisation Exercise (2006). Meta kienet ser tiġi diskussa din il-materja is-Sindku iddikjara "*għall-fini ta' korettezza la darba jien fuq livell personali fil-ħidma tieghi personalment involut ma persuni li huma sidien ta' artijiet inkonnessjoni qed nastjeni mid-diskussjoni u t-tehid tal-vot biex ma jkollhix kunflitt ta nteress u għaldaqstant qed nirtira mill-laqgħa sakemm issir id-diskussjoni*". Ma kien ebda kumment fuq il-proposti tal-MEPA. Wara s-sindku ġie msejjaħ biex jidħol għal-laqgħa.

3.2.15 President's Charity Fun Run.

3.2.16 AKL – Cirk 67/2011 – Tnaqqis dwar ir-Rapport Finanzjarju.

3.2.17 AKL – Cirk 68/2011 – Ħarġa oriġinali għall-anzjani f'Għawdex.

3.2.18 KLF – Il-Kunsill bagħat ittra lil-Pulizija dwar ħsara f'bollard tal-konkrit fi triq il-Għajn u dwar periklu min gallarija faċċata tal-Knisja tal-lokalita.

3.2.19 Gozo College Boys Secondary School Rabat Gozo – Ghajnuna ghal mawra ghall-istudenti fil-Parlament Ewropew gewwa Brussels. Il-membri tal-kunsill ilkoll qablu li għanda tittieħed direzzjoni mid-dipartiment tal-kunsilli lokali.

## 4. <u>Għoti tal-Offerti</u>

4.1 Wara li fil-preżenza tal-kunsilliera infetħet l-offerta ghax-xogholijiet ta' tarmak fi Triq l-Isptar San Ġiljan u parti min Triq il-Għajn li ġiet sottomessa minn Gatt Tarmac Ltd. għall-prezz ta' €241,867.50, il-Kunsill qabel li jgħaddi din l-offerta lil Perit Angelo Portelli A&C.E għal evalwazzjoni.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.2 Rigward l-offerta tal-Ġbir ta' l-Iskart bieb bieb bl-Iscammel is-Sur Karl Vella għandu jagħti l-informazzjoni fiex wasal il-proċess tal-għoti ta' l-offerta.

4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waslu l-20 fanal tal-offerta mogħtija lil Richard Cauchi. Is-Sindku nforma wkoll li fl-4 t'Ottubru ġie ffirmat it-tieni kuntratt ma' Richard Cauchi biex jitwaħħlu l-għaxar fanali fi Triq il-Qalb ta' Ġesu. Hawnhekk il-kunsillier is-Sur Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li meta jiġi l-inginier responsabli biex jiċċekjahom jara li ssir bir-reqqa u jiċċekja kull wieħed peress li d-darba ta' qabel kien hemm xi ħsarat. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-*Contract Manager* biex jiċċekja l-fanali kollha.

4.4 Is-sindku qal illi jridu jinxtraw tnax il-isolator għall-fanali l-ġodda peress li għal bqija ser jintużaw dawk tal-bozoz eżistenti. Il-membri tal-kunsill lkoll qablu. Huwa nformahom ukoll li ntbagħtet ittra lir-residenti ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu', Triq il-Għajn l-isfel mill-knisja u Pjazza l-Għejjun li ma taghhom hu propost li jeħlu l-fanali biex min ikollu xi oġġezzjoni fi żmien ġimgħa jinforma lill-Kunsill. Waqt il-laqgħa sar qbil li jintbghat għas-sur Chris Gauci biex jiġi diskuss miegħu t-twahhil ta' dawn il-fanali. Ġie maqbul mas-sur Chris Gauci li jitwaħħlu ghal prezz ta' hamsin ewro l-wieħed bil-materjal u l-high-up inklużi.

4.5 Offerta għall-Pannelli Fotovoltajiċi t-Tieni Fażi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-evalwazzjoni tal-Offerta għall-Pannelli Fotovoltajiċi li għalqet fis-6 ta' Ottubru 2011, kellha tiġi sospiża peress li nstab li kien hemm dubju dwar waħda mill-Offerti jekk sarx il-ħlas ta' €50 meta nġabret l-Offerta. Għaldaqstant għandha ssir verifika mas-Sur Karl Vella dwar dan.

## 5. <u>Mistoqsijiet</u>

5.1 Ma kien l-ebda mistoqsija.

## 6. <u>Jum il-Fontana</u>

6.1 Ġie maqbul mill-kunsilliera kollha li għandu jsir il-programm tas-soltu. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li Mary C Xuereb li kienet toqghod il-Fontana xtaqet tieħu sehem billi tkanta. Il-membri lkoll qablu.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Wara saru n-nominazzjonijiet tal-persuni għall-Ġieh il-Fontana fejn kienu mressqa Suor Celestina Cini, li ilha soru Dumnikana għal żmien twil, mis-sindku is-Sur Saviour Borg u s-Sinjura Marija Saliba mressqa mill-Kunsillier Horace Micallef għas-servizz li tgħati fil-parroċċa.
Ittieħed vot dwar Suor Celestina Cini – kien hemm tlett voti favur, dak tas-Sindku, Viċi-Sindku u l-kunsillier Victor Cefai u żewġ astensjonijiet. Il-kunsillier is-Sur Lorry Apap wera x-xewqa li juri li hu astjena milli jivvota peress li ż-żewġ persuni nominati ħadmu favur l-lokalita' tal-Fontana, għaldaqstant ma xtaqx li jiddiskrima bejn waħda jew l-oħra. F'dan l-istadju il-Viċi Sindku rtira l-vot tiegħu (favur) u qal li ried jastjeni hu wkoll għall-istess raġunijiet tal-Kunsillier Lorry Apap.
Wara saret l-votazzjoni għan-nomina tas-sinjura Marija Saliba fejn kien hemm vot favur, dak tal-Kunsillier Horace Micallef, u erba' astnesjonijiet.
Għalekk Suor Celestina Cini ġiet magħżula biex tieħu l-Premju ta' Gieħ il-Fontana għas-Sena 2011.
Sar qbil ukoll li f'Jum il-Fontana ssir ġabra b'risq il-monument tal-mibki l-Isqof Nikol Cauchi li ser isir fil-Katidral ta' Ghawdex peress li dan kien serva bħala kappillan fir-raħal tal-Fontana, kif kien ġie deċiż mill-kunsill.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa ħlief għall-kont tal-WSC peress li għadhom ma bdewx jitħallsu lura r-*rebates* dovuti lill-kunsill tal-enerġija ġġenerata mill-Panelli Fotovoltajiċi li għandu l-istess Kunsill fuq il-*MultiPurpose room*. Rigward il-pagament dovut lil-Richard Cauchi dwar il-provissta u konsenja ta' fanali dekorattivi għandhom jitħallsu meta jinxtelu ħalli jkun żgurat li kollox sew.

## 8. Mozzjonijiet

Ma kien l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 **Proġett tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku**
S-Sindku nforma lill-Kunsill li wara ċertu żmien sar il-parti kbira taż-żarmar tal-monument tas-Sajjieda mill-marmista Raymond Bonello. Dan inġabar taġt it-taraġ tal-ewwel fażi taċ-ċentru ċiviku. Wara l-kuntrattur seta' jkompli x-xogħol ta'


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

twaqqiegħ tal-ħajt ta' wara l-monument. Malli tlesta t-taħmil tal-ħamrija u ġebel is-sindku nforma lill-perit responsabbli biex jsir il-kejl ta' dan ix-xogħol qabel jibda jitqatta l-blat. Biex jsir it-taqtiegħ tal-blat bħala prekawzjoni minħabba l-knisja u l-fond 189 / 190 fi Triq il-Għajn kien hemm bżonn li tintuża t-Trencher. Il-kunsill qabel.

9.2 Ġie trattat l-ilment minn Joseph Mifsud dwar twaħħil ta' *railing* fuq il-bankina maż-żewġ tarġiet li hemm biex ikun jista' jzomm magħha meta jkun tiela jew nieżel l-istess turġien. Il-Kunsilliera lkoll qablu li dan isir basta fejn hu taħt ir-responsabilita' tal-kunsill. Sar qbil li għandu jiġi ordnat mingħand il-ħaddied Pupul Attard.

9.3 Dr. John Paul Grech li kien prezenti fil-laqgħa wara talba mill-kunsill ġie mitlub biex jibgħat ittra ufficjali lil Transport Malta dwar il-problema li ser tinħoloq minħabba t-traffiku jekk il-proposta li l-parti ta' triq ir-Republika fir-Rabat eżattament dik l-parti li min salib it-toroq (ħdejn il-ħwienet ta' Grech Central Stores l-fuq) tiġi żona pedonali. Dan għar-raġuni li t-traffiku tal-punent tal-gżira t' Għawdex irid jgħaddi biss mill-parti ta' fuq tal-Fontana jew l-inħawi ta' wara s-sur. Dan bil-konsegwenza li l-volum tat-traffiku ser jiżdied ħafna aktar milli hu llum. Barra minhekk dawn it-toroq huma Urban Conservation Area u f'xi inħawi ta' Triq il-Għajn hija wisa biss madwar tnax il-pied. Snin ilu l-Fontana kien diġa l-izjed raħal b' livelli ta' kontaminazzjoni mid-dħaħen tal-vetturi f' Għawdex.

9.4 Is-Sindku ssuġerixxa li għandu jinxtara madum *spare* bħal dak li twaħħal mill-Ministeru għall-Għawdex fit-taraġ li qed isir ħdejn il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja u li jagħti għal Trejqet Wara l-Idjar ħalli jekk fil-futur isir xi tkissir f'xi madum jkun hemm għad-disposizzjoni biex jinbidlu minflok. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Il-Kunsilliera lkoll qablu ma dan, bl-eċċezzjoni tas-sur Lorry Apap li astjena mill-vot minħabba kunflitt ta' nteress.

9.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru diskussjonijiet minnu w mill-aġent segretarju eżekuttiv mas-sur Leandro Blanco de Castro biss dwar l-Aerobics u Pilates ghaliex is-sinjura Zammit irtirat milli toffri is-servizz tagħha minħabba raġunijiet personali.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Peress li kien hemm konkorrenza sabiħa ta' madwar 30 (tletin) persuna u s-sala hija relattivament żgħira biex isir it-taħriġ f'daqqa ġie miftiehem mas-sur Leandro Blanco de Castro li jsiru żewġ gruppi b'għaxar sessjonijiet il-wiehed li ser ikun imqassma fuq żewġ sessjonijiet fost il-gimgħa (ġranet għadhom iridu jiġu konfermati) u żewġ sessjoniijeit is-Sibt. Il-ħlas tas-servizz tas-sur Leandro Blanco de Castro hu ta' €20 (għoxrin ewro) kull sessjoni.

Il-pubbliku tal-lokalita ser iħallas 50 centezmu ta' ewro kull sessjoni u dawk barra mir-raħal iħallsu mizata ta' ewro kull darba. Il-membri lkoll qablu ma dan.

9.6 Is-Sindku nforma lil-kunsill li ser issir ħarġa soċjo kulturali għat-tfal ġewwa Malta fl-1 ta' Novembru 2011.

9.7 Is-Sindku nforma lill-kunsill li fl-10 ta' Ottubru sar rapport bil-miktub lil Transport Malta dwar l-istat li tinsab fih dik il-parti ta' Triq l-Isptar San Giljan li sar ix-xogħol fiha f' April u Mejju li għaddew mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. Wara kwazi erba xhur il-wiċċ tat-tarmac għadu ma sarx, minkejja li l-ftehim kien li jsir wara l-festa titulari fil-bidu ta' Lulju. L-inġienier Riolo tal-Korporazzjoni tas-Serviżżi nforma lis-Sindku li dan ma sarx għar-raġuni li kien miżmum mill-Ministeru għal Għawdex minħabba l-istaġun turistiku fix-Xlendi. Wara li sar dan ir-rapport ix-xoghol beda billi qed issir sistema ġdida tad-drenaġġ għar-residenti kif ukoll il-*culvert* għall-ilma tax-xita li ser isir min tarf Triq is-Sajjieda sa ħdejn ir-*railing* fi Triq il-Għajn. Dan il-culvert qed isir mill-Ministeru għall-Għawdex fuq talba tal-kunsill.

9.8 Dwar ix-xoghol ta' Patching bil-Hot Asphalt meta kienu ser jiġu mmarkati t-tiswijiet meħtieġa mill-Perit u s-sindku, l-kuntrattur ta' Gatt Tarmac Ltd. Informa lill-Perit li l-ewwel għandhom jiġ mmarkati t-tiswijiet tal-Cold Asphalt. Is-sindku ġibed l-attenzjoni tal-perit fejn infurmah li l-kunsill kien approva li l-offerta toħroġ għal Hot Asphalt. Kif fil-fatt hemm fil-faċċata tad-dokument tal-offerta. Il-perit informa b'dan lil kuntrattur li min naha tieghu għandu jagħti risposta dwar jekk hux lest li jagħmel dan ix-xoghol bl-istess prezzijiet, peress li fid-dokument tal-offerta ikien hemm ukoll imsemmi l-cold asphalt għat-tiswijiet iz-zgħar u Major patching bil-Hot Asphalt.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.9 Is-Sindku nforma ukoll lill-kunsill li l-Fire Extinguishers għandhom bzonn li jsirilhom Service kemm dak ta' l-uffiċċju tal-kunsill kif ukoll tas-Sala tal-Komunita. Il-kunsill qabel. Huwa qal ukoll li flimkien mal-Aġent segretarju eżekuttiv għamlu "*State of the Heritage Report*" li kellu jsir sat-30 ta' Settembru 2011, izda l-kunsill qatt ma ġie ipprezentat b'dan ir-rapport.

9.10 Is-sindku qal ukoll li attenda għal-laqgħa li saret għas-sindki u segretarji ezekuttivi mill-kumpanija Green MT fejn waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-andament tal-ġbir tal-iskart separat li jsir kull nhar ta' Tlieta, kif ukoll ġie prezentat ċekk li kien jammonta għal €2310 (elfejn tlett mija u għaxar ewro) tal-ħlas tat-€30 (tletin ewro) fil-ġimgħa għal sena u nofs. Ġie nnutat li l-ħlas ta' tal-attivita kulturali li kelli jkun ta' €500 (ħames mittt ewro) ma kienx inkluż f'dan il-pagament.

9.11 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-kapillan Fr. Joseph Bajada fil-preżenza tal-aġent segretarju eżekuttiv fl-uffiċċju tal kunsill li sar rapport lil Kurja Veskovili dwar it-taħmil li qed isir maġenb il-knisja parrokjali, Hu nformanha peress li l-knisja hi skedata l-kurja talbitu biex iqabbad perit ħalli jevalwa x-xogħolijiet li qed isiru. Huwa ġie nfurmat li l-perit tal-kunsill anke bi qbil mas-sindku ħa l-prekawzjonijiet neċessarji u dafatti sar taqtigh bit-*trencher* man-naħa tal-knisja xi żewġ piedi iżjed l-barra milli kien propost mill-istess perit. Minbarra li tħallew it-tlett piedi passaġġ li ġa kienu eżistenti, tħallew żewġ piedi oħra li ttieħu minn Fond 191 fi Triq il-Għajn fejn qed jitwettaw il-proġett.

9.12 Is-Sindku nforma ukoll lill-kunsill li kellem lill-inġinier Vella tal-Enemalta dwar il-*Belisha lights* mitfijin taż-*Zebra Crossing* quddiem il-knisja parrokjali u l-qlugħ tat-transformer ta' Wied Siekel. Twaħħlet ukoll it-tabella "Fontana Merħba" fi triq ix-Xlendi.

9.13 Is-Sindku nforma lill-kunsill ukoll li l-Bin tal-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja ma għadux hemm. Il-Kunsill qabel li jkun ordnat Bin ieħor mingħand Mario Mallia. Ma hemmx għalfejn tiġi mixtrija l-*Istand* peress li għadu mwaħħal fil-post.

9.14 Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn tinxtara *cabinet* żgħira għall-*kitchenette* tal-uffiċju tal-kunsill, peress li mhemmx fejn jinġabru l-*cutlery*. Il-kunsilliera lkoll qablu.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.15 Is-Sindku nforma lill-kunsill li saret il-ħarġa soċjo-kulturali għan-Notte Bianca li saret fil-Belt Valletta. Dan kien fl-1 ta' Ottubru u għaliha attendew 55 persuna fosthom is-Sindku.

9.16 Is-sindku nforma lill-Kunsill li hemm problema ta' ħmieġ tal-ħamiem fi Pjazza l-Għejjun. Huwa qal li hemm bżonn il-koperazjoni ta' xi residenti biex ikun jista jonqos bill jinqabad. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-passi meħtieġa.

9.17 Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru sinjali bil-kelma "SLOW" fil-parti ta' fuq nett ta' Triq il-Għajn minħabba li t-traffiku jgħaddi b'veloċita' qawwija. Il-kunsill qabel li napplikaw ghall-permess lil Transport Malta. Huwa qal ukoll li ser isir tqassim b'xejn ta' kompjuters mid-dipartiment tal-Gvern Lokali għalhekk ma hemmx il-ħtieġa li jinxtara wieħed għas-servizz tal-internet.

9.18 Huwa qal ukoll li x-xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL fil-*pumping station* ta' Wied il-Lunzjata huwa lest u li nbnew ukoll iż-żewġ filati tal-kamra tal-*Pumping Station* mis-Sur Joe Muscat li l-ġebel għaliha ntuża minn dak li kien intuża mill-Fond 191. Għalhekk irid jiġi avżat il-Perit Saliba.

9.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda l-qorti għat-tkomplija tal-kawża li għamel is-sur Anthony Cassar kontra l-Kumissarju tal-Artijiet. Din reġghet ġiet differita għal 15 ta' Diċembru 2011 quddiem l-assisstent ġudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili. Inghatat ukoll is-sentenza mill-Maġistrat Paul Coppini fil-kawża ta' Pawla Cassar kontra l-Kunsill Lokali Fontana. Din ntilfet mill-kunsill bl-ispejjeż. Nagħtat ukoll is-sentenza dwar il-każ Puluzija kontra s-sur Maurice Zammit wara rapport li kien għamel is-Sindku f'Diċembru li għadda.

9.20 Wara li ntbagħtet l-ittra lill-Kappillan dwar it-tiżjin tal-milied huwa bagħat għal laqgħa lis-Sur Ganni Theuma, Chev. Raymond Zammit u s-sur George Schembri fejn ġie diskuss it-tiżjin bid-dwal għall-milied ta' parti minn triq il-Għajn (mid-dar tal-Kappillan sa Triq il-Kappillan Hili). Il-Kunsill qabel li tingħata l-offerta ghat-tizjin ta'din it-triq lill-knisja parrokjali bil-kundizzjoni li trid tiġi ppreżentata rċevuta fiskali mill-istess knisja parrokjali. Fil-każ li dan ma jsirx din l-offerta tinhadem mis-sur George Schembri biex jagħmel it-tizjin imsemmi. Ġie maqbul li għandu jkun hemm sittax il-festun ta' dwal (li wiehed


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

minnhom kellu jkun jgħid Il-Kunsill Jawgura l-Festi it-Tajba) matul it-triq u dan ghall-prezz ta' €700 (seba mitt ewro). Il-Kunsill qabel ukoll li t-tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi u fi Triq John Gaspard Le Merchant jingħata lis-Sur Michael Buġeja ta' Micho Lighting bħas-snin l-imgħoddija għall-prezz ta' €466.00.

9.21 Il-Kunsillier Horace Micallef informa lil kunsill li quddiem 90 Triq il-Kappillan Hili hemm tappiera tal-WSC li trid titranġa ghaliex niżlet u qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-madwar. Il-Kunsillier Victor Cefai qal li fl-istess triq quddiem id-dar numru 60 hemm l-istess problema. Ghaldaqstant il-kunsill inkariga lis-segretarju eżekuttiv biex jinforma lil-WSC b'dawn iż-żewġ tappieri.

9.22 Is-Sindku nforma lill-kunsill li hu jrid jirrifondi ħlas lura tal-onorarja, li tħallset żejda peress li ż-żieda fl-onorarja ġiet irtirata. Din iżda kienet għada ma nħadmitx mis-sur Karl Vella u għalhekk sakemm isir dan it-tnaqqis u tiġi rrifondata l-onorarja mħallsa żejda, is-Sindku qal li mhux ser jaċċetta l-onorarja ta' kull xahar dovuta lilu.

9.23 Is-sindku nforma lill-kunsill li x-xogħol tal-bdil tal-ħajt ta' ħdejn l-Għajn tal-Loġoġ kif kien approvat f'waħda mil-laqgħat preċedenti ma jistax isir mill-kunsill minkejja li kien ser isir mill-fondi ta' eko-Għawdex dan għar-raġuni li rriżulta li hu propjeta privata. Huwa staqsa lill-membri tal-kunsill jekk jaqblux ma dan. Il-membri qablu li dan ma jistax isir.

9.24 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu kien issottometta l-Applikazzjoni għat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku skond Memo 87/2011, Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011, l-Applikazzjoni għal Titjib għal Saħħa u Sigurtà Aħjar skond Memo 66/2011, Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-Playing Fields u l-Applikazzjoni għall-Attivitajiet Sportivi, skond Memo 90/2011, Skemi Inizjattivi Sportivi 2012, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-28 ta' Novembru 2011 fil-5.30p.m.

Il-Minuti ta' din il-Laqgħa ġew ippreparati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras, u ppreżentati fil-Laqgħa tal-Kunsill tat-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv peress li ma setgħux jiġu approvati qabel jiġu approvati l-aħħar tlett tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Karl Vella.

| | |
|---|---|
| ~~Jospeh Xiberras~~Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555